MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 282/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Paul Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Paul Tabone, bin Grezzju u Angela neé Vella, imwieled fit-18 ta' Settembru 1960 u residenti fil-fond Solitaire, Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 53460(G) li gie akkuzat talli nhar l-24 ta'

April 2012 u fil-jiem ta’ qabel fl-inhawi tal-Kalandrijiet limiti ta’ Kercem, Ghawdex;

1. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jerzercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Lawrence Vella fil-pussess ta’ hwejgu u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali Kap. 9;

2. fl-istess cirkostanzi kkaguna hsara ghad-dannu ta’ Lawrence Vella liema hsara teccedi l-hamsin Euro (€50);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

ILLI, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, mill-provi prodotti, b’mod partikolari mix-xhieda moghtija mill-imputat fis-seduta tal-lum, jirrizulta li din giet pruvata u dan b’mod partikolari wara li l-Qorti semghet lill-imputat jammetti li qabad u waqqa’ l-hajt in kwistjoni.

ILLI, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, ma giex pruvat l-ammont ta’ hsara li giet kagunata u ghaldaqstant din l-imputazzjoniet ma gietx pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu minhabba nuqqas ta’ provi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati taghha (tal-ewwel (1) imputazzjoni) u tikkundannah multa ta’ mitt ewro (€ 100.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------